



Dħul fis-servizz tal-Avukat Ġenerali I-ġdid fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Udjenza solenni tal-14 ta' Diċembru 2009

Wara l-mewt tal-Avukat Ġenerali Dámaso Ruiz-Jarabo Colomer, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea nnominaw, permezz ta' deċiżjoni tat-30 ta' Novembru 2009, lil Pedro Cruz Villalón bħala Avukat Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, sabiex iservi l-bqija tal-mandat tal-Avukat Ġenerali Ruiz-Jarabo Colomer, jiġifieri mit-30 ta' Novembru 2009 sas-6 ta' Ottubru 2015.

Fl-okkażjoni tal-ġurament tal-ħatra u tad-dħul fis-servizz tal-Avukat Ġenerali I-ġdid, illum inżammet udjenza solenni fis-sede tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Pedro Cruz Villalón

Imwieled fl-1946; gradwat fil-liġi (1963-1968) u dottorat (1975) fl-Università ta' Sevilla; studji post universitarji fl-Università ta' Freiburg im Breisgau (1969-1971); professur assoċjat tad-dritt politiku fl-Università ta' Sevilla (1978-1986); inkarigat mill-kattedra tad-dritt kostituzzjonali fl-Università ta' Sevilla (1986-1992); segretarju legali fil-Qorti Kostituzzjonali Spanjola (1986-1987); maġistrat fil-Qorti Kostituzzjonali Spanjola (1992-1998); President tal-Qorti Kostituzzjonali Spanjola (1998-2001); fellow fil-Wissenschaftskolleg zu Berlin (2001-2002); inkarigat mill-kattedra tad-dritt kostituzzjonali fl-Università awtonoma ta' Madrid (2002-2009); kunsillier elett fil-Kunsill tal-Istat (2004-2009); awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet; Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-14 ta' Diċembru 2009.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-udjenza solenni jkunu disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106